MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Numru.

Raymond Mangion
vs
Carmel Degabriele, Ex Direttur Generali, Dipartiment ghall-Anzjani u Persuni bi Bzonnijiet Specjali; John Buhagiar, Direttur, Ippjanar u Amministrazzjoni, Dipartiment ta' l-Anzjani u Persuni bi Bzonnijiet Specjali; l-Onorevoli t-Tabib Frans Agius, Ex Direttur tar-Residenza San Vincenz De Paule; u Albert Philip Camilleri, Ex-Departimental Nursing Manager fir-Residenza San Vincenz De Paule

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' l-20 ta' Novembru 1993, huwa sofra ingustizzja f'li inghata *transfer* fuq ordni ta' l-intimati t-Tabib Agius u s-Sur Camilleri, mis-*Psychogeriatric Ward* fir-Residenza San Vincenz de Paule ghall-Kura ta' l-

Anzjani ghal *Admission and Assessment Ward* fl-istess Residenza.

Illi b'hekk, kif kellu jigi spjegat aktar 'il quddiem, l-intimati t-Tabib Agius u s-Sur Camilleri eccedew il-poteri konferiti lilhom bhala ufficjali pubblici u uzurpaw il-poter dixxiplinarju esplicitament rizervat **biss** lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biex b'ezercizzju esklussiv u diskrezzjoni amministrattiva hazina effettwaw dan it-*transfer* ghal kollox illegali u abbuziv, li ma kien xejn hlief forma illecita ta' dixxiplina u kastig, u kwindi bl-agir "ultra vires" taghhom dawn iz-zewg intimati irrendew ruhhom hatja ta' ksur esplicitu ta' provvediment tal-ligi, u cioe` ta' l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u kif ukoll tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti taht l-artikoli 41 u 36 rispettivament tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 3 u 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-artikoli 742(2)(a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi di piu`, l-intimati s-Sinjuri Degabriele u Buhagiar, bhala awtoritajiet li kellhom liz-zewg intimati ufficjali pubblici l-ohrajn dipendenti taghhom, u ghalhekk taht il-kontroll u s-supervizzjoni ta' l-istess, abbraccjaw dan it-*transfer* illegali u abbuziv.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. Ghall-habta ta' nofs ix-xahar ta' Novembru 1993, ir-rikorrent, li kien *Registered General Nurse,* kien jinstab allokat fis-*Psychogeriatric Ward* tar-Residenza San Vincenz de Paule ghall-kura ta' l-Anzjani fil-grad ta' Staff Nurse.

*2.* Fl-istess zmien is-Sur Carmel Sammut, li kien fl-istess grad ta' *Staff Nurse* bhar-rikorrent, u li kien jinstab allokat bhalu fis-*Psychogeriatric Ward,* beda juri ruhu apertament u manifestament animus ghar-rikorrent.

*3.* Sussegwentement, xi ftit granet wara li s-Sur Sammut kien beda jaddotta dan l-atteggjament, ir-rikorrent kien gie msejjah mill-intimati t-Tabib Agius u s-Sur Camilleri, u

avzat li ma kellux jibqa’ allokat aktar fis-*Psychogeriatric Ward* u li minflok kellu jibda jahdem b’effett immedjat f’taqsima ohra f’San Vincenz, cioe’ *fl-Admission and Assessment Unit.*

*4.* B’rejazzjoni immedjata, ir-rikorrent kien esiga minghand l-intimati, t-Tabib Agius u s-Sur Camilleri, biex jghidulu ghal liema raguni kien qed jinghata dan it-transfer, u hawnhekk it-twegiba moghtija mis-Sur Camilleri kienet dik li lilu kienu waslulu lmenti dwar ir-rikorrent mis-Psychogeriatric Unit fejn kien jahdem.
*5.* Minkejja l-hafna insistenza tar-rikorrent mas-Sur Camilleri, fil-prezenza tat-Tabib Agius, biex dan jghidlu x’kienu l-ilmenti li waslulu u minn min kienu saru, is-Sur Camilleri baqa’ jirrifjuta li jaghtih dan it-taghrif, bil-konsegwenza li gew miksura l-garanziji minimi li jissalvagwardjaw id-dritt tar-rikorrent ghal opportunita` ta’ difiza xierqa bi vjolazzjoni tal-principju ta’ gustizzja naturali.

*6.* It-*transfer* tar-rikorrent kien pass imghaggel u bla qies, li ttraskura u ma hax konsiderazzjoni ta’ l-effetti li kien ser ikollu fuq l-andament tar-Residenza San Vincenz de Paule ghall-Kura ta’ l-Anzjani, inter alia l-esigenzi tas-servizz, billi b’konsegwenza s-Psychogeriatric Ward spiccat minghajr is-supervizzjoni ta’ *Registered General Nurse* f’certi granet matul il-gimgha, sakemm kien intbaghat sostitut ghar-rikorrent numru ta’ xhur wara.

7. L-ghaggla kbira li biha gie effettwat dan it-*transfer* ghal kollox barra minn loku ikkawzat hsara psikologika lir-rikorrent, u affettwatu avversament fl-impieg tieghu.

*8.* Huwa maghruf ben tajjeb f’dak iz-zmien kienu jezistu kuntatti bejn is-Sur Camilleri u s-Sur Sammut, tant li s-Sur Sammut kien accetta talba tas-Sur Camilleri li qieghed il-madum fil-post fejn kellha tmur toqghod it-tifla tas-Sur Camilleri wara li tizzewweg, u kwindi jqum dubju serju li t-transfer tar-rikorrent kien intiz biss biex ikun sodissfatt is-Sur Sammut, li kien wera ruhu animus ghar-rikorrent kif spjegat aktar ‘il fuq.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jigi ordnat li jithallas kumpens lir-rikorrent f’ammont ta’ mitt Lira Maltin (Lm100).

Ra l-lista tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ Carmel Degabriele, John Buhagiar, l-Onor. it-Tabib France Agius u Albert Philip Camilleri li eccepew:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huma kellhom xi jghidu s-segwenti:-

Illi fl-ewwel lok il-ligi tipprovdi mezzi xierqa ta’ rimedju kontra l-lanjanzi tar-rikorrent rigward ksur tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent f’dan ir-rigward ma ghandiex lok fir-rikors promotur.
Illi l-intimati John Buhagiar, bhala Direttur tal-Ippjanar u Amministrazzjoni fid-Dipartiment tal-Anzjani u Persuni bi Bzonnijiet Specjali u Carmel Degabriele bhala ex-Direttur Generali gewwa l-istess Dipartiment, mhumiex il-legittimi kontradittturi ghall-ilment imressaq mir-rikorrent stante illi s-Sur Buhagiar qatt ma gie nfurmat rigward trasferimenti interni ta’ *nursing personnel* ghaliex dan l-inkarigu jaqa’ esklussivament taht ir-responsabbilita` tal-*management* tar-Residenza ta’ San Vincenz de Paule, u minn naha l-ohra s-Sur Camilleri kien mahtur bhala Direttur Generali gewwa l-Ministeru ghall-Harsien Socjali u tal-Familja fi Frar 1995 u ghalhekk ma kienx involut fit-trasferiment intern tar-rikorrent, u minbarra dan il-fatt trasferimenti interni ma kienux jaqghu taht l-awspici tieghu u dan ghar-raguni indikata hawn fuq.

Illi l-intimati France Agius u Albert Philip Camilleri cahdu kategorikament illi kien hemm xi abbuz ta’ poter fit-trasferiment intern tar-rikorrent li sar esklussivament biex jimtela’ post li thalla vakant fi Wards 9 u 10 minn nursing officer ohra u ghalhekk dan it-trasferiment sar skond il-htigijiet tar-Residenza ta’ San Vincenz de Paule.

Illi kuntrarjament ghal dak li qed jallega r-rikorrent l-allokazzjoni interna ta’ nursing personnel ma ssirx bl-awtorita` tas-Servizz Pubbliku u l-anqas jittiehed permess mid-Dipartiment tas-Sahha galadarba mhux trasferiment minn sptar ghal iehor izda trasferiment minn sezzjoni ta’ sptar ghal sezzjoni ohra fl-istess sptar.

Illi trasferimenti interni jsiru mill-Manager tan-Nursing Services b’konsultazzjoni mas-Supretendent tar-Residenza ta’ San Vincenz de Paule skond il-htigijiet tal-istess Residenza kif spjegat aktar ‘il fuq.

Illi t-trasferiment intern tar-rikorrent ma kkawza l-ebda hsara lil Psychogeriatric Ward ghaliex f’dak iz-zmien li r-rikorrent gie trasferit ghall-Admission and Assessment Ward ma kienx hemm bizzejjed Deputy Nursing Officers ghar-Residenza kollha u ghalhekk kienu saru trasferimenti ghal sezzjonijiet tal-istess Residenza li l-aktar kienu jehtiegu s-servizzi ta’ Deputy Nursing Officers.

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent illi kien hemm xi favur personali bejn is-Sur Albert Philip Camilleri u s-Sur Carmel Sammut hija ghal kollox infondata u hija intiza biss biex titfa’ dell ikrah fuq l-integrita` professjonali tas-Sur Camilleri.

Ghaldaqstant l-intimati ssottomettew illi ma hemm xejn allegat fir-rikors li jista’ jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi fl-ewwel lok l-intimati eccepew li l-Ligi tipprovdi mezzi xierqa ta' rimedju kontra l-lanzjanzi tar-rikorrent rigward ksur tal-provedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward ma ghandiex lok fir-rikors promotur. Jinghad illi certament allegazzjonijiet ta' ksur tal-Kostituzzjoni jridu jigu ntavolati f'Sede ohra u precizament quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-Sede taghha Kostituzzjonali. Illi ghalhekk dawk il-lanjanzi tar-rikorrent li mhumiex relatati mat-trasferiment tieghu, certament jezorbitaw mill-kompentenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u mhumiex ser jigu kkunsidrati minhabba li jezorbitaw mill-kompetenza *ratione materiae*.

Dwar it-trasferiment ghandu jinghad is-segwenti. Ir-rikorrent ipprezenta affidavit tieghu fejn bazikament ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li hu u s-Sur Carmel Sammut kienu l-unici zewg Registered General Nurses fil-Unit u nghataw it-tmexxija tal-Unit f'idejhom u kienu ilhom tlett snin u nofs skorruti jahdmu flimkien, wara dan iz-zmien Sammut beda jassumi atteggjament superjuri ghar-rikorrent. Kien baghat ghalih is-Sur Camilleri u kien qallu li kien ser jaghtih transfer ghall-gid tieghu. Dan il-kliem qalu fil-presenza tat-Tabib Agius. Hu kien ser jigi trasferit ghall-Admission and Assessment Unit. Meta r-rikorrent irrejagixxa mill-ewwel billi talab lit-Tabib Agius u s-Sur Camilleri jghidulu ghall-liema raguni kien ser jinghata transfer, is-Sur Camilleri kien qallu li kienu waslulu lmenti dwaru mis-Psychogeriatric Unit izda ma riedx jisvela min kien li ghamel dawn l-ilmenti u f'hiex kienu jikkonsistu, waqt li t-Tabib Agius ma kkummenta xejn fuq dak li kien qed jinghad u prova jsabbru.

Sussegwentement beda jahdem fil-post in kwistjoni u xi xahrejn wara ntbaghat Registered General Nurse certu

Joseph Briffa, biex jimla' l-post li sefa' battal konsegwenza tat-"transfer" moghti lir-rikorrent.

Xehed Albert Philip Camilleri li semma li ghall-habta ta' Novembru 1993 kien Principal Nursing Officer responsabbli ghat-tmexxija tan-nursing. Semma li hu jaf lil Carmel Sammut li kien Staff Nurse izda Acting Nursing Officer. Hu kien kuntent bit-tmexxija tieghu. Cahad li dan Sammut kien qieghed xi madum fir-residenza tat-tifla tieghu ghalkemm ghamel xi xoghol iehor u kien gie mhallas ta' dan. Semma li kien jaf li kien hemm xi dizgwid bejn Sammut u r-rikorrent izda cahad illi Sammut kien urieh ix-xewqa li Mangion jigi trasferit minn hemmhekk.

Wara li Mangion gie trasferit, ma kienx baqa' SRN fil-ward izda din ma kenitx l-unika ward li gara hekk fiha. Hu kien talab lid-Dipartiment biex jibghatulu lil xi hadd iehor. Semma li hu gieli ghamel xi surprise visits hemmhekk u l-performance tar-rikorrent ma tantx kienet toghgbu. Semma li f'daqqa wahda kienet giet trasferita certa acting nursing officer minn 9 u 10 St Francis Ward u din kienet mara. Allura kellu jiehu lil Agius Cutajar Doreen li kienet acting nursing officer, mill-Admission Ward u baghatha in charge mid-9 u 10 St Francis Ward. Il-vakanza li kien hemm l-Admission Ward, peress li hemmhekk kienet importanti li timtela, minhabba li kien hemm bzonn ta' staff, kien baghat hemmhekk lis-Sur Mangion, ir-rikorrent. Kawza tat-transfer ir-rikorrent ma kien bata xejn.

Semma li hu kien ipprefera johloq l-izbilanc u jhalli zewgt irgiel bhala Acting Nursing Officers u mhux igib mara u ragel. Hu kien baghat lil Mangion fl-Admission Ward, l-aktar minhabba li kellu shortage of staff u ma setax ihalli l-Admission Ward minghajr Acting Deputy Nursing Officer, u fil-fatt kellu iktar shortage of staff tan-nisa milli ta' l-irgiel u ghalhekk ma baghatx mara minflok.

Xehed John Buhagiar Head of Department for the care of the elderly li semma li kien sar Director and Planning Administration fl-1994. Hu kien jidhol biss fic-caqliq u trasferimenti ta' skrivani, E.O's ecc., minn ufficcju ghall-iehor pero` mhux ta' nurses.

Dwar in-nomenklatura ta' Albert Philip Camilleri f'Novembru 1993, dan kien il-Principal Nursing Officer u ghalhekk kien l-aktar nurse senior li kien hemm. Semma li l-anqas biss jafu lir-rikorrent.

Xehed Dr Francis Agius li semma li s-Sur Camilleri kien infurmah li kienu se isiru xi internal transfers. Id-decizjoni finali ghat-transfer peress li jkun nurse fl-istess kategorija jehodha n-Nursing Officer. Dak iz-zmien hu kien Supretendent Mediku u l-mod kif isiru t-transfers normalment, kien li jigi avzat pero` tardivament, it-transfer ikun gja sar meta hu kien ikun avzat.

Xehed Carmelo Sammut li semma li hu u r-rikorrent kienu jistudjaw flimkien. Kienu jahdmu flimkien ghall-habta ta' l-1981 u kienu Acting Nursing Officers. Kienu jahdmu b'sistema ta' roster gurnata hu u l-gurnata l-ohra l-iehor biex dejjem ikun hemm coverage ta' Nursing Officer.

Semma li darba hu kien hadem ghand is-Sur Camilleri. Kien hadem xi hnejja u kien gie mhallas taghha.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk it-Tribunal ghandu l-obbligu li jara jekk fil-fatt it-transfer illi sar kienx ingustizzja kif definiti fit-terminu tal-ligi jew le. Bhala difiza ghat-transfer l-intimati semmew l-esigenzi tas-servizz. Issa t-Tribunal gja dahal fil-kwistjoni ta' transfer u esigenzi tas-servizz. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni

frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Ghalhekk it-Tribunal ghandu l-obbligu biex jara jekk effettivament fil-kaz in ezami kienx hemm xi esigenzi tas-servizz. Issa dawn l-esigenzi tas-servizz gew spjegati mis-Sur Camilleri meta tela' jixhed u ta r-ragunijiet tieghu ghaliex kellu jsir it-transfer minhabba l-fatt illi kellu vacancy f'ward ohra u li fil-fehma tieghu kien iktar essenzjali illi tigi mimlija din il-vacancy. Issa t-Tribunal ghandu d-dritt u l-obbligu li jindaga jekk effettivament ikunx hemm abbuz ta' diskrezzjoni ta' xi persuna meta t-Tribunal jasal biex jissindika l-operat taghha u jara jekk id-diskrezzjoni taghha gietx ezercitata kif suppost jew le. Ma jidhirx fil-kaz in ezami t-transfer tar-rikorrent l-ewwel nett gab xi konsegwenzi lir-rikorrent. Dan baqa' jahdem fl-istess post, ma tilifx allowances u l-anqas cansijiet ta' promotion ghax ghallinqas dawn ma gewx ippruvati. Ir-ragunijiet tahom is-Sur Camilleri u kienet decizjoni li ma tidhirx illi effettivament kienet ibbazata fuq xi ragunijiet ulterjuri.

L-esigenzi tas-servizz kif spjegati mis-Sur Camilleri jikkonvincu lit-Tribunal illi ma saritx ingustizzja kif definita fit-termini tal-Kapitolu 394. Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.